MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 1776/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Carmel Marmara abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-ligi u l-istess Carmel Marmara**

**vs**

**Simon Darmanin**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-20 ta' Settembru 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' tliet mija u tmienja u tletin lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm338.52) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Carmel Marmara assikurat tas-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe u li ghalihom ghamlu tajjeb kwantu

ghall-ammont ta’ Lm313.52 is-socjeta’ Fogg Insurance u kwantu ghall-ammont ta’ Lm25 l-istess Carmel Marmara in linea ta’ excess payment bhala rizultat tal-incident stradali li sehh fis-6 ta’ Jannar 2003 ghal habta tas-1.15pm gewwa Bulebel Zejtun bejn il-vettura proprjeta ta’ l-attur Carmel Marmara bin-numru ta’ registrazzjoni JAM 434 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta’ registrazzjoni TFB 695 liema incident sehh unikament bhala rizultat ta’ traskuragni negligenza imperizja u non osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-4 ta’ Frar 2004 u tal-ittra ufficcjali li qed tintbghat kontestwalment ma’ dan l-att lis-socjeta’ assikuratrici Elmo Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta’ estera Royal & Sun Alliance Insurance plc u nteressi legali mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali tal-4 ta’ Frar 2004 kontra l-konvenut li jibqa’ minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-14 ta’ Ottubru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma rikjesta ta’ tliet mija u tmienja u tletin lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm338.52) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tal-4 ta’ Frar 2004 oltre bl-ispejjez kif rikjesti inkluza ta’ dina l-istanza ghandhom ukoll jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------